Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,495, 16 ta'Ottubru, 2009
Taqsima B

A.L. 273 ta' l-2009

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni, u Diċenza Pubblika)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 183(2) u bl-artikolu 203 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni, u Diċenza Pubblika) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni, u Diċenza Pubblika), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

S.L 10.09.

Jemenda r-regolament 18 tar-regolament prinċipali.

2. Fir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "tfal taħt is-sittax-il sena" għandhom jidħlu l-kliem "xi persuna taħt is-sbatax-il sena".